MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 744/2004

**Joseph Abdilla, Josette mart l-istess Joseph Abdilla, xebba Carabott, u Joseph u Doris konjuġi Grixti**

***Versus***

**Angele armla ta' Alexander Abdilla bħala kuratriċi *ad litem* ta' bintha minuri Alexia Abdilla, u l-istess Angele Abdilla għal kull interess li jista' jkollha**

F'din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu illi l-qorti tgħid illi meta l-awtur tal-konvenuti kien deher fuq kuntratt li bih xtara proprjetà, għalkemm deher li qiegħed jixtri f'ismu proprju fil-fatt kien qiegħed jixtri f'isem l-atturi wkoll.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi, b'kuntratt tat-22 ta' Frar 1996 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja, Alexander Abdilla kien kiseb mingħand Marianne Spiteri u oħrajn biċċa art li tista' tinbena, magħrufa bħala *plot A*, parti mill-art *tax-Xaħam*, fiż-Żurrieq, tal-kejl ta' seba' mija u sitt metri kwadri (706m$^2$), kif murija fuq pjanta mehmuża mal-kuntratt. Fir-realtà Alexander Abdilla kien qiegħed jidher fuq dak il-

kuntratt, u kien qiegħed jikseb il-proprjetà, kemm f'ismu *proprio* u kemm bħala *prestanome* ta' l-atturi f'dawn l-ishma mhux maqsuma: nofs (½) f'ismu proprju, sehem minn sitta ($^{1}$/6) f'isem l-attur Joseph Abdilla, sehem ieħor minn sitta ($^{1}$/6) f'isem l-attriċi Josette Abdilla, dak iż-żmien xebba Carabott, u l-aħħar sehem minn sitta ($^{1}$/6) f'isem l-atturi Joseph u Doris miżżewġin Grixti. Il-flus biex inkisbet il-proprjetà ħarġuhom kemm Alexander Abdilla u kemm l-atturi fl-ishma fuq imsemmija, u l-ħsieb kien illi l-art tinkiseb fl-interess tagħhom ilkoll fl-ishma msemmija. Wara li nkisbet l-art inbniet u l-flus biex sar il-bini ħarġuhom Alexander Abdilla u l-atturi fl-istess ishma.

Alexander Abdilla issa miet, u ħalla warajh lil bintu minuri Alexia Abdilla u lil martu Angele Abdilla. Angele Abdilla tammetti illi meta żewġha xtara l-art kien qiegħed jagħmel hekk kemm f'ismu kif ukoll f'isem l-atturi fl-ishma msemmija.

L-atturi għalhekk qegħdin jitolbu illi din il-qorti:

1. tgħid illi meta, b'kuntratt tat-22 ta' Frar 1996 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja, Alexander Abdilla kien kiseb l-art fuq imsemmija, kien qiegħed jagħmel hekk kemm f'ismu *proprio* u kemm bħala *prestanome* ta' l-atturi f'dawn l-ishma mhux maqsuma: nofs (½) f'ismu proprju, sehem minn sitta ($^{1}$/6) f'isem l-attur Joseph Abdilla, sehem ieħor minn sitta ($^{1}$/6) f'isem l-attriċi Josette Abdilla, dak iż-żmien xebba Carabott, u l-aħħar sehem minn sitta ($^{1}$/6) f'isem l-atturi Joseph u Doris miżżewġin Grixti;
2. tgħid illi l-benefikati li wara saru fuq l-art illum huma tal-werrieta ta' Alexander Abdilla u ta' l-atturi, fl-ishma msemmija;
3. tikkundanna lill-konvenuta *proprio et nomine* tersaq għall-pubblikazzjoni ta' att notarili sabiex tgħaddi lill-atturi l-ishma rispettivi tagħhom; u
4. taħtar nutar sabiex jippubblika l-att fil-ħin, jum u lok li tgħid il-qorti, u taħtar ukoll kuraturi biex jidhru f'isem min jonqos li jersaq għall-pubblikazzjoni ta' l-att.

Il-konvenuti ma ressqux eċċezzjonijiet fiż-żmien li tagħti l-liġi, iżda fil-jum tas-smigħ tal-kawża dehret il-konvenuta Angele Abdilla u stqarret illi l-fatti msemmija mill-atturi huma minnhom. Dakinhar ukoll il-partijiet ippreżentaw kitba tas-26 ta' Settembru 2006 li fiha hemm il-pattijiet li

jaqblu illi għandhom jiġu inkorporati fil-kuntratt li għandu jiġi pubblikat għall-għanijiet tat-tielet talba.

Billi l-premessi li fuqhom huma mibnija t-talbiet ta’ l-atturi jirriżultaw li huma tajbin, il-qorti taqta’ l-kawża billi tilqa’ l-istess talbiet:

1. tgħid illi meta, b’kuntratt tat-22 ta’ Frar 1996 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja, Alexander Abdilla kien kiseb l-art imsemmija fiċ-ċitazzjoni, kien qiegħed jagħmel hekk kemm f’ismu *proprio* u kemm bħala *prestanome* ta’ l-atturi f’dawn l-ishma mhux maqsuma: nofs (½) f’ismu proprju, sehem minn sitta ($^{1}/6$) f’isem l-attur Joseph Abdilla, sehem ieħor minn sitta ($^{1}/6$) f’isem l-attriċi Josette Abdilla, dak iż-żmien xebba Carabott, u l-aħħar sehem minn sitta ($^{1}/6$) f’isem l-atturi Joseph u Doris miżżewġin Grixti;

2. tgħid illi l-benefikati li wara saru fuq l-art illum huma tal-werrieta ta’ Alexander Abdilla u ta’ l-atturi, fl-ishma msemmija;

3. tikkundanna lill-konvenuta *proprio et nomine* tersaq għall-pubblikazzjoni ta’ att notarili sabiex tgħaddi lill-atturi l-ishma rispettivi tagħhom, b’dan illi l-att għandu jinkorpora l-pattijiet skond il-kitba tas-26 ta’ Settembru 2006 ippreżentata mill-partijiet bħala dokument A waqt is-seduta tat-12 ta’ Diċembru 2006; u

4. taħtar lin-Nutar Margaret Heywood sabiex tippubblika l-att fil-bini tal-Qrati Superjuri nhar it-Tnejn 26 ta’ Frar 2007, fl-10.00 *a.m.*, u taħtar lill-Avukat Aaron Bugeja bħala kuratur biex jidher fuq l-att f’isem min jonqos li jersaq għall-pubblikazzjoni.

L-ispejjeż kemm tal-kawża kif ukoll tal-kuntratt għandhom jinqasmu bejn il-partijiet f’ishma li jkunu daqs is-sehem tagħhom fil-proprjetà li dwarha saret il-kawża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------